**54. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

Billi huwa maħsub fis-subartiklu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1982 dwar Indħil Barrani li d-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1) ta' dak l-istess artikolu ma japplikawx għal ħidma barranija li tkun tikkonsisti fl-użu u t-tħaddim ta' stazzjon tax-xandir u li titmexxa skond ftehim mal-Gvern approvat mill-Kamra tad-Deputati;

U billi d-Deutsche Welle sejra tagħmel ħidma barranija billi tuża u tħaddem stazzjon tax-xandir li qiegħed Xrobb l-Għaġin limiti ta' Marsaxlokk taħt il-kondizzjonijiet ta' ftehim mal-Gvern ta' Malta li jidhru mid-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra llum;

U billi huwa xieraq illi l-kondizzjonijiet ta' ftehim jiġu approvati minn din il-Kamra;

Għalhekk huwa b' dan riżolut illi l-Kamra tad-Deputati tapprova ftehim dwar l-imsemmi stazzjon tax-xandir taħt il-kondizzjonijiet li jidhru mid-dokument li ġie mqiegħed illum fuq il-Mejda ta' din il-Kamra, skond u għall-finijiet kollha ta' l-Att ta' l-1982 dwar Indħil Barrani.

01.12.1982